MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2206/2003

**Casapinta Design Group Ltd**
**Vs**

**Dr Tonio Azzopardi nominat b'digriet tal-21 ta' Novembru 2003 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-imsiefer Giovanni Scattoreggia ghan-nom tas-socjeta' estera UNIBIT Consortum**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1228.20 (elf mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu) dovut ghal provizjoni ta' 'exhibition panels' dovuti skond fattura enumerata 7131.

Bl-ispejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi

pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-7 ta’ Jannar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fit-2 ta’ Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------